MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 593/2002

**Alfred Gauci**

**vs**

**Francis sive Frans Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta’ l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, tliet mija u erbatax-il lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm3,314.94) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta’ kwantita’ ta’ tigieg tas-sinna mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq perijodu ta’zmien mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi l-Mandat ta’ Sekwestru 2078/02 u Qbid 2077/02 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.